MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Numru 27/2011

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**v.**

**Elaine Spiteri”**

**Il-Qorti:**

**1.** Reġgħet rat in-nota ta’ l-uffiċjal tal-*probation* Antonella Spagnol tat-28 ta’ Ottubru 2011 li bih għamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, u fejn infurmat lil din il-Qorti li l-imsemmija Elaine Spiteri naqset milli żżomm mal-pjan imfassal sabiex tibda programm ta’ rijabilitazzjoni residenzjali ġewwa l-OASI peress illi nstabet pożittiva għad-droga dakinhar li kellha tibda l-programm u peress illi naqset milli tagħmel dak kollu neċessarju sabiex tegħleb il-vizzju tad-droga;

**2.** Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-10 ta' Novembru 2008 li permezz tagħha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(d), 263, 267 u 268 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Elaine Spiteri ħatja talli bejn l-20 u l-21 ta' Settembru 2008 minn ġo residenza sitwata Blk. 1, Flt. 19, Scheme 3, Paola Hill, Paola, ikkommettiet serq ta' ċwievet u oġġetti tad-deheb valur ta' iżjed minn Lm100 jew €233 u inqas minn Lm1,000 jew €2,325 għad-dannu ta' Jesmond u Sharon Borg minn Raħal Ġdid, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-persuna, u qiegħdet lill-istess Elaine Spiteri taħt ordni ta' *probation* għal perijodu ta' tmintax-il xahar ai termini ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

**3.** Rat l-ordni ta' *probation* ta' l-istess data magħmul fil-konfront ta' l-imsemmija Elaine Spiteri u li stabbilixxiet is-segwenti kondizzjonijiet:

**"1. Li matul il-perijodu ta' *probation* il-ħatja għandha ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi kollha tal-*probation officer* u żżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilha;**

**"2. L-uffiċjal tal-*probation* maħtur għal dan l-iskop għandu/ha j/tirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħatja kull sitt xhur;**

**"3. Il-ħatja għandha tavża immedjatament lill-uffiċjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha;**

**"3. Li ghandha zzomm ruhha f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi li tagħtiha minn żmien għall-ieħor l-istess uffiċjal tal-*probation*; u partikolarment li hija għandha, jekk l-uffiċjal tal-*probation* ikun irid/trid, tirċievi żjarat ta' l-istess uffiċjal tal-*probation*."**

**4.** Rat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' April 2010 li

permezz tagħha, fuq rikors ta' l-uffiċjal tal-*probation*, estendiet il-perijodu ta' *probation* għal perijodu komplessiv ta' tliet snin;

**5.** Semgħet id-deposizzjonijiet mogħtija mill-uffiċjal tal-*probation* Antonella Spagnol; rat l-atti l-oħra tal-kawża; ikkunsidrat:

**6.** Mix-xiehda ta' l-uffiċjal tal-*probation* m'hemmx dubju illi l-*probationer* kellha problema ta' abbuż ta' droga li ma kinitx qed tiffaċċja kif kellha. Fil-mori tas-smiegħ tad-denunzja bdiet programm residenzjali ġewwa l-OASI iżda ma tterminatux. Skond l-uffiċjal tal-*probation* l-unika raġuni li tat kienet li kienet qed timmissja lit-tifla tagħha. Wara dan kien hemm okkażjonijiet fejn sarulha testijiet ta' l-urina li uħud minnhom kienu pożittivi għall-eroina. Minn wara s-seduta ta' l-20 ta' Lulju 2012, pero`, kien hemm żvolta billi l-*probationer* żammet kuntatt regolari ma' l-uffiċjal tal-*probation*, bdiet issegwi kors ta' *"care workers for the elderly"* offrut mill-ETC, u testijiet ta' l-urina rriżultaw fin-negattiv. Naqset biss milli żżomm kuntatt regolari mal-*keyworker* tagħha tal-CARITAS. Reċentement ukoll bdiet tagħmel xogħol relatat mal-kors li kienet qed tagħmel. Dan kollu huwa ferm pożittiv u l-ħasra hi biss li l-*probationer* damet daqstant biex tirrejalizza li kellha bżonn tagħmel xi ħaġa biex tegħleb il-vizzju tad-droga. M'hemmx dubju li teħtieġ aktar għajnuna u superviżjoni. Għalhekk huwa l-każ illi l-*probationer* tibqa' taħt *probation*, b'dan illi, stante illi parti sostanzjali tal-perijodu oriġinali ta' *probation* għadda mingħajr ma kien ġie reġistrat progress, għandu jsir ordni ġdid ta' *probation*.

**7.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Elaine Spiteri kisret l-ordni ta' *probation* ta' l-10 ta' Novembru 2008 kif estiż fit-28 ta' April 2010, tittratta magħha mill-ġdid għall-imputazzjoni dedotta kontra tagħha imsemmija hawn fuq (paragrafu tnejn), u wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(d), 263, 267, 268, 279(a) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħdha mill-ġdid taħt *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 għal perijodu ta' tliet snin millum taħt is-

sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation* li jiġi nominat/tiġi nominata għal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qiegħed jiġi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-ħatja ddikjarat li hija taċċetta. Tordna li kopja ta' l-ordni ta' *probation* tiġi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Uffiċjal Principali tal-*Probation*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------